SAN LAWRENZ

Il-minuti tas-sebgha u ghoxrin laqgha li nzammet nhar il-Gimgha 12 ta' Lulju 2013 fit-8:00 ta' filghodu fl-ufficju tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Anthony Formosa |
| Vici Sindku: | Anthony Cassar |
| Kunsilliera: | Michelina Mercieca |
| | John Mercieca |
| | Rose Vella |
| Segretarju Ezekuttiv: | Lucienne Haber |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u gew ikkonfermati.

**3.0 Laqgħa mal-Perit Shawn Micallef**

3.1 Għal-laqgħa kien mistieden il-Perit Shawn Micallef sabiex jagħti spjegazzjoni wara l-indaġni tiegħu fuq il-kontijiet mibgħuta mill-kuntrattur Joe Grima għax-xogħolijiet ta' servizzi mwettqa fl-isqaqien. Huwa semma li għall-isqaqien li għad fadal isiru, s-servizzi tal-ilma jinħtieġ li jinbidlu kollha iżda d-drenaġġ mhux kullimkien. Huwa semma li mill llum il-quddiem x-xogħol ser jibda jimxi ma' din il-proċedura.

- Il-kuntrattur jibda x-xogħol ta' excavations u jinforma lil perit
- Il-perit imur fuq il-post tax-xogħol biex jiddetermina x'hemm bżonn isir u ma jsirx
- Isir ix-xogħol u jiġi ċċertifikat
- Il-Perit inkarigat mis-servizzi flimkien mal-Perita tal-progett jieħdu rendikont tax-xogħol flimkien u jinħareġ il-kont ivverifikat minnhom it-tnejn.

3.2 Il-Kunsill qabel ma' din il-procedura.

**4.0 Laqgħa mal-Avukat Jean Paul Grech rigward il-Management Agreement taċ-Ċentru tad-Dwejra**

4.1 L-avukat spjega fil-qosor l-kontenut tal-agreement u spjega ki is-sid tar-restaurant ikkonċeda l-post li-MEPA għal 99 sena u kif skond dan l-agreeement il-gdid il-MEPA qed tgħaddi il-Management lil Kunsill. Il-Kunsill gibed l-attenzjoni li jixtieq li l-agreement jigi mgedded

awtomatikament kull 7 snin u jirrizerva d-dritt li jittermina dan l-agreement mat-tigdid tieghu. Sar qbil li l-agreement ghandu jkun jinkludi l-inventarju tal-assi li l-Kunsill ghandu f'dan ic-Centru.

**5.0 Knis għall-gimgħa tal-festa**

5.1 Il-Kunsill qabel li ghandu jibghat ittra lis-St Laurence Spurs rigward il-knis fil-gimgha tal-festa u ghandu jorbothom li jikinsu l-pjazza u t-toroq principal kuljum matul il-gimgha tal-festa sal-ghada tal-festa.

**6.0 Permess tal-Kiosks fil-jiem tal-festa**

6.1 Il-Kunsill qabel li din is-sena l-kiosks tal-festa ghandhom jergghu jigu trasferiti ghal Triq San Lawrenz. Sar qbil li ghandna nimxu mal-istess decizzjonijiet u regolamenti li gew stability s-sena l-ohra.

**7.0 Materji ohra**

7.1 Il-Kunsill iddiskuta l-problema li qed jiffacja fin-nuqqas tal-kennies Joe Cauchi u fir-rigward li fadallu haddiem wiehed biss.

7.2 Il-Vici Sindku talab dwar liema rata ser jtihallas biha l-Perit Shawn Micallef ghas-servizzi tieghu. Il-Kunsill qabel li ghandu jistaqsih dwar ir-rati ta' kif ser jithallas ta' xogholu.

***Anthony Formosa***
***Sindku***

***Lucienne Haber***
***Segretarju Ezekuttiv***